MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 99/2012

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi nhar l-10 ta' Dicembru 1983 twieldet S minn relazzjoni li hu kellu ma CD l-intimata li dak iz-zmien kienet mizzewga lil D D l-intimat l-iehor ;

Illi stante li CD kienet mizzewga lil D D kunjom it-tifla gie mnizzel bhala D fic-certifikat tat-twelid meta fil-fatt S hi t-tifla tal-esponenti u mhux tal-intimat D D ;

Illi l-esponenti irid li S D tigi dikjarata li hi t-tifla ta' l-esponenti u mhux tal-intimat D D u jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid ta' S D ;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li S D hi bint A B l-esponenti u konsegwentement tordna li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid b'mod li kunjom S jigi jaqra B u mhux D;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-maġġorenni S D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jrid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid ta' S D, l-intimata CD kienet wettqet adulterju mal-attur A B u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li

jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jeskludu lir-raġel tal-intimata D D bħala l-missier naturali tal-imsemmiha S D, u dan *ai termini* tal-**artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi preliminarjament, *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid S D, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u S D, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għall-proċediment tal-azzjoni odjerna.

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta' stat tal-maġġorenni S D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

5. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess A B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet S D, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmiha S, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet t-tifla S D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferitha S D;

6. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi S D a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

7. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem D D, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 121/1984;

8. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' ta' S D *stante* li l-attur jikkontendi li minkejja li l-istess S D li twieldet nhar l-10 ta' Dicembru 1983 twieldet fiz-zwieg bejn l-intimata CD u l-intimat D D, l-istess wild m'hijiex il-bint naturali tal-istess D D izda hija l-wild naturali tieghu. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob lil din il-qorti sabiex tiddikjara li huwa l-missier naturali tal-istess wild u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat taghha

billi l-konnotati ta’ D D jigu kancellati minn fuq ic-certifikat taghha u jigu sostitwiti b’dawk tal-istess attur.

Min-naha tieghu, l-intimat D sive Charles D jiddikjara li huwa minnu li l-intimata S D m’hijiex il-wild naturali tieghu.

**Il-Verzjoni tal-attur**

Permezz tal-affidavit tieghu, l-attur jghid li ltaqa’ mal-intimata CD fi Frar 1983, fi zmien meta kienet mizzewga lill-intimat D D, ghalkemm kien hemm il-problemi fiz-zwieg taghhom. Jghid li l-intimata Cmarret tghix mieghu ftit jiem wara li ltaqghet mieghu u ghadhom flimkien sal-gurnata tal-lum ghalkemm jghid li jghixu ghal rashom. Jghid ukoll li ftit wara li bdew jghixu flimkien, Ckienet qaltlu li kienet harget tqila b’tarbija tieghu. Jispjega li din il-wild, S, rabbiha hu flimkien ma’ Dorothy.

**Il-Verzjoni tal-intimata CD**

L-intimata tghid li kienet izzewget lill-intimat D D fis-sena 1971 izda bejniethom kien hemm il-problemi. Tghid li fis-sena 1983, ir-ragel taghha kien abbanduna d-dar izda wara ftit kien mar lura, b’dan li hi m’accettatux. Telqet mid-dar flimkien mal-ulied taz-zwieg pero’ effettivament l-istess ulied spiccaw jitrabbew mill-istess intimat u n-nanniet. Tiddikjara li l-ahhar rapport fiziku li kellha mar-ragel kien f’Dicembru 1982. Tghid li wara ftit li marret tghix mal-attur, mill-ewwel harget tqila u li kellha relazzjonijiet intimi mieghu biss f’dik is-sena partikolari.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent jiddikjara li minkejja li l-intimata S twieldet nhar l-10 ta' Dicembru 1983[1] twieldet fiz-zwieg bejn l-intimata CD u l-intimat D D, l-istess imsemmija S m'hijiex il-wild naturali ta' D D. Dan jikkonfermah bil-gurament tieghu kemm fir-rikors promotur li taw bidu ghall-proceduri odjerni kif ukoll permezz tal-affidavit tieghu[2].

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimata S m'hijiex il-wild naturali tal-intimat D D imma l-wild tieghu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet ippruvata.

Dwar it-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tirrilata dwar il-fatt li ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid ta' S D u li konsegwentement din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) *ai termini* tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din giet survolata permezz ta' rikors prezentat in atti nhar il-15 ta' Jannar 2014 li gie milqugh nhar il-15 ta' Jannar 2014.

Dwar il-hames eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tirrilata dwar in-nota bid-dettalji tal-attur, l-qorti tirrileva li din ukoll giet survolata permezz ta' nota esebita in atti[3] u ghalhekk il-qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess eccezzjoni.

Dwar is-sitt eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tirrileta dwar il-kunjom li ghandha tassumi S Sammit f'kaz li t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha, l-qorti taghmel referenza ghan-nota esebita in atti[4] u li

[1] Ara a fol 21 tal-process
[2] Esebit a fol 17 tal-process
[3] Ara a fol 30 tal-process
[4] Ara a fol 29 tal-process

permezz taghha l-intimata tiddikjara li hija taqbel mal-attur fis-sens li kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta' B.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attur rnexxilux jaghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-intimata S D ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, irnexxilux jissorpassa u jeghleb il-presunzjonijiet legali msemmija minnu stess.

Naturalment, tali prova tista' facilment u bl-aktar mod kategoriku tingieb permezz ta' DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi. L-qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti[5] li juri bhala stat ta' fatt li l-missier naturali tal-intimata S D huwa proprju r-rikorrent u mhux D D.

Il-qorti tirrileva wkoll li fic-cirkustanzi, stante li huwa cert anke b'mod xjentifiku li l-intimat D D m'huwiex il-missier tal-imsemmija tarbija, hemm lok li jsir bdil fic-certifikat tat-twelid tal-istess intimata S D b'dan li tali certifikat jibda jirrifletti l-fatti kif inhuma verament.

Illi in vista ta' dak suespost u in vista tad-*DNA tes,t* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess intimata, il-qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid taghha hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

---

[5] Esebit a fol 33 tal-process

(1) Tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara li l-intimata S D hija l-wild naturali tal-attur b’dan li tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-istess S D b’dan li kunjomha ghandu jinbidel ghal B.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent u l-intimata CD fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------